MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 231/2010

L-Onorevoli Joe **MIZZI**

vs

**AWTORITA’ TA’ MALTA DWAR IR-RIŻORSI**, il-Ministu tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, għal kull interess li jista’ jkollu, u l-Avukat Ġenerali, għal kull interess li jista’ jkollu

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-10 ta’ Marzu, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-aġir tal-Awtorita’ mħarrka fl-għoti tad-deċiżjoni tagħha dwar l-ilment li huwa kien ressqilha f’Jannar tal-2009 huwa *ultra vires* u bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b)

tħassar id-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' fl-ittri tagħha tat-28 ta' April, 2009 u 17 ta' Awissu, 2009; u (ċ) tagħti l-provvedimenti xierqa skond il-każ. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Marzu, 2010, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Awtorita' mħarrka fid-9 ta' April, 2010, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni tal-attur waqgħet billi saret wara ż-żmien li fih messha tressqet u għalhekk talbet li tinħeles milli tibqa' fil-kawża, u qalet ukoll li, f'kull każ, l-attur naqas li jinqeda b'rimedju li l-liġi tagħtih taħt il-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ukoll l-azzjoni attriċi jmissha titwarrab. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija m'għamlet xejn li jmu lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilha bil-liġi u għalhekk it-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Ministru u mill-Ministeru mħarrkin u mill-Avukat Ġenerali fl-14 ta' April, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li t-talbiet m'humiex mistħoqqa iżda, f'kull każ, l-azzjoni ma jmisshiex tressqet kontra tagħhom u huma m'humiex il-kontraditturi leġittimi tal-ilmenti tal-attur għaliex dawk l-ilmenti ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltajiet jew is-setgħat tagħhom, iżda taħt is-setgħat ta' entita' oħra;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2010, li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, kienet sejra tqis l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Awtorita' mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "MRA");

Rat in-Nota mressqa minn MRA b'dokument mehmuż magħha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat ta' MRA dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħha (reġistrata)[1];

[1] Paġġ. 56 – 9 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2010, li bih tat lill-attur żmien xieraq biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu b'Nota ta' Tweġiba dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li ma tressqet l-ebda talba biex il-Qorti ma tgħaddix għall-għoti tas-sentenza;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilminta li MRA naqset li tindirizza lment li huwa ressqilha bil-miktub f'Jannar tal-2009, meta talabha li tieħu l-azzjoni xierqa dwar xi Avviżi Legali li daħlu fis-seħħ u li, fil-fehma tiegħu, kienu jmorru kontra l-prinċipji Komunitarji dwar il-kompetizzjoni ġusta. Billi jgħid li t-tweġiba li ngħata ma kinitx l-azzjoni li MRA intalbet tieħu u ma jafx jekk, fil-fatt, dik it-tweġiba tagħha kinitx tabilħaqq "deċiżjoni", irid li din il-Qorti ssib li MRA imxiet lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilha bil-liġi billi abbużat mis-setgħat tagħha għal għanijiet mhux xierqa jew imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Huwa qiegħed jitlob ukoll it-tħassir tal-imsemmija "deċiżjoni" ta' MRA;

Illi għal din l-azzjoni, MRA laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni tal-attur waqgħet għaliex laħaq għalaq iż-żmien li fih il-kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju setgħet saret u kif ukoll billi, f'kull każ, qabel ma ressaq din l-azzjoni ta' stħarriġ, naqas milli jinqeda b'rimedju li l-liġi kienet tagħtih biex jindirizza l-ilment tiegħu dwar imġibitha[2]. Laqgħet ukoll b'eċċezzjoni fil-mertu, billi ċaħdet li hija mxiet miegħu b'abbuż tal-liġi jew lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilha;

---

[2] Hija ssemmi rimedju taħt l-artt. 33 u 34 tal-Att XXV tal-2000 (Kap. 423)

Illi l-intimati l-oħrajn laqgħu billi qalu li huma ma kien imisshom qatt jitħarrku f'din il-kawża għaliex għall-ilment tal-attur ma jweġbux huma u, f'kull każ, it-talbiet tiegħu m'humiex mistħoqqa;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' MRA;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-attur huwa Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Fil-kwalita' tiegħu ta' Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni għat-Trasport u Riżorsi, kiteb ittra ta' lment lil MRA fid-19 ta' Jannar, 2009[3], biex jitlobha tqisu skond is-setgħat mogħtijin lilha taħt l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta u biex tieħu minnufih kull azzjoni meħtieġa biex tassigura l-ħarsien ta' dak l-Att. Mal-imsemmija ittra hemeż *memorandum* estensiv, studjat u elaborat b'talba wkoll għat-tħassir ta' xi Avviżi Legali li huwa qies li kienu jagħtu lok ta' stħarriġ minn MRA[4]. Sadattant, l-attur ressaq ilment ukoll mal-Ombudsman;

Illi MRA wieġbet fit-tul u punt punt għal dak li semma l-attur, b'ittra tagħha lill-attur fit-28 ta' April, 2009[5], taħt il-firma taċ-*Chairman* tagħha. Fis-6 ta' Mejju, 2009[6], l-attur reġa' kiteb liċ-*Chairman* biex jilminta miegħu li t-tweġiba li kien bagħtlu fil-jiem ta' qabel ma kinitx tindirizza l-ilment li kien ressaq lil MRA u talbu jgħidlu jekk dik l-ittra kinitx deċiżjoni tal-MRA jew le. MRA wieġbet lill-attur fis-17 ta' Awissu, 2009[7], biex tgħidlu li kellu jieħu t-tweġiba tagħha tat-28 ta' April, 2009, bħala d-deċiżjoni tagħha għall-ilmenti li ressqilha f'Jannar ta' qabel;

Illi l-kawża tal-lum infetħet f'Marzu tal-2010;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjonijiet preliminari hawn mistħarrġa jitolbu li l-Qorti żżomm quddiem għajnejha li l-attur espressament ressaq din l-azzjoni bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu

---

[3] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[4] Paġġ. 6 sa 23 tal-proċess
[5] Dok "B", f'paġġ. 24 – 30 tal-proċess
[6] Dok "AMR1", f'paġ. 55 tal-proċess
[7] Dok "Ċ", f'paġ. 31 tal-proċess

469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Xieraq ukoll li miż-żewġ eċċezzjonijiet imqajmin, isir l-ewwel l-istħarriġ tas-siwi tal-ewwel waħda minnhom għaliex, f'każ li tirriżulta tajba, ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tgħaddi wkoll biex tqis it-tieni waħda;

Illi **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** xieraq jingħad li l-attur jibni l-azzjoni tiegħu fuq id-dispost tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u ma fihiex allegazzjonijiet li l-għamil amministrattiv ilmentat jikser il-Kostituzzjoni. L-Awtorita' mħarrka tgħid li l-azzjoni waqgħet għax ma nbdietx fi żmien sitt (6) xhur minn meta l-attur seta' jkun sar jaf bl-għamil amministrattiv li minnu jilmenta;

Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[8]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għamil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi. Fuq kollox, fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta' sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal egħmil amministrattiv li jkun *ultra vires*: ma japplikax fil-każ ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għamil amministrativ issir taf b'dak l-għamil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[9]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għamil, liema data tiġi l-ewwel;

---

[8] Ara P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar (Ċitazz. Nru. 649/99RCP)*** u P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta (Ċitazz. Nru. 1562/97RCP)***

[9] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

Illi huwa stabilit li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew *warrant* li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew *warrant* ma ssirx bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita'. Huwa stabilit ukoll li mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[10];

Illi, madankollu, jrid jingħad li taħt it-tifsira ta' "għamil amministrattiv", il-liġi tinkludi wkoll ir-rifjut għal talba. Ir-rifjut ma jgħoddx fih biss iċ-ċaħda ta' talba imma wkoll in-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni sa ċertu żmien minn meta ssir talba. F'każ bħal dan, iż-żmien meta nuqqas ta' deċiżjoni jitqies bħala rifjut jibda jgħaddi minn dak inhar li talba tiġi notifikata lill-awtorita' li tkun, u jekk kemm-il darba din l-awtorita' tonqos li tagħti deċiżjoni sa żmien xahrejn minn dik in-notifika;

Illi huwa minnu li l-attur iqis li t-tweġibiet li bagħtitlu MRA ma kinux deċiżjonijiet iżda "riluttanza milli taġixxi skond kif tirrikjedi l-liġi" jekk mhux saħansitra wkoll "omissjoni" min-naħa tagħha b'mod li "naqset milli tindirizza adegwatament l-ilment sottomess mill-attur". Kem hu hekk, meta l-attur kiteb l-ittra tiegħu tas-6 ta' Mejju, 2009, bagħat jistaqsi jekk l-ittra ta' MRA tat-28 ta' April, 2009, kinitx deċiżjoni jew le;

Illi dwar din iċ-ċirkostanza l-Qorti tgħid li, mqar jekk l-attur kellu raġun, ma kienx tajjeb li jħalli ż-żmien jgħaddi. Fit-tifsira ta' 'egħmil amministrattiv', il-liġi trid li "*ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabilixxi perijodu li fih awtorita' pubblika teħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorita' u din l-awtorita' tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas*

[10] App. Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co. Ltd. Et vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

*għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' dik it-tifsira*". Dan ifisser li jekk kemm-il darba kien minnu li MRA baqgħet ma tatx deċiżjoni lill-attur dwar l-ilment tiegħu, huwa dejjem seta' fetaħ il-kawża minnufih kif għaddew ix-xahrejn żmien minn dak inhar li MRA laqgħet għandha l-ittra tiegħu. Min-naħa l-oħra, jekk wieħed iqis l-ittra ta' MRA tas-17 ta' Awissu, 2009, bħala ċ-ċaħda definittiva tagħha biex tqis l-ilment tal-attur, hawn ukoll beda għaddej iż-żmien tas-sitt xhur b'dak ir-rifjut;

Illi, kif sewwa qal l-għaref difensur ta' MRA waqt it-trattazzjoni tiegħu, tħares minn kull fejn tħares lejn il-ġrajja kif seħħew, joħroġ dejjem li l-attur naqas li jressaq il-kawża tiegħu fiż-żmien li tagħti l-liġi. Billi l-kawża ma nfetħitx qabel is-17 ta' Frar, 2010 – l-aktar jum tard li fih setgħet tressqet – iżda wara dak inhar, jiġi li tassew laħaq għadda ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' MRA hija tajba u sejra tilqagħha;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija tajba, ma hemm l-ebda ħtieġa li tistħarreġ ukoll it-tieni eċċezzjoni preliminari;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Awtorita' mħarrka u tgħid li l-kawża tal-attur tressqet wara li kien għalaq iż-żmien li fih messha tressqet u b'hekk teħles lill-imħarrkin milli joqogħdu aktar fil-kawża, **bl-ispejjeż** kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------